**QORTI ĊIVILI**

**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**

**ROBERT G. MANGION**

**ILLUM, 28 TA' JANNAR 2021**

**Kawza Numru: 7**

**Rik. Ġur. 719/2018**

**Andrew Debono (K.I. 30663M)**

**Beranmar Limited (C 20651)**

**vs.**

**Joseph Tonna (K.I. 628861(M))**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ta' **Andrew Debono u ta' Beranmar Limited** ippreżentat fit-8 ta' Lulju, 2018 li permezz tiegħu ippremettew u talbu is-segwenti:

Dikjarazzjoni tal-Oġġett tal-Kawża

1. Fit-2 ta' Settembru 2003, ir-rikorrenti kien akkwista mingħand l-intimat il-vettura Peugeot 406, bin-numru ta' reġistrazzjoni BBN537, bil-prezz li ġie imħallas, *in parte* bi tpartit ma' vettura oħra, u *in parte* bi ħlas tas-somma ta' tmien mitt lira Maltin (Lm800), b'dana għalhekk, għall-valur komplessiv ta' sitt elef u tmien mitta lira Maltin (Lm6,800).

2. Sussegwentement, fid-29 ta' Settembru 2003, ir-rikorrenti (għan-nom tas-soċjetà Beranmar Limited), trasferixxa din il-vettura lil terz, u ċioè lil ċertu Paul Caruana (K.I. nru. 408876(M)); dan għall-prezz ta' disat elef lira Maltin (Lm9000), illum ekwivalenti għal għoxrin elf disa' mija u sebgħin euro (€20,970).

3. Għal xi s-sena 2007, irriżulta lil dan it-terz (Paul Caruana - K.I. nru. 408876(M)) illi l-vettura kienet misruqa, tant li fis-17 ta' Lulju 2007 din ġiet maqbuda mill-Pulizija Eżekuttiva pendenti l-investigazzjoni tagħha dwar dan. L-esponenti ma kellu l-ebda idea illi din il-vettura kienet misruqa, tant fil-fatt illi huwa xtraha regolarment u ħallas għaliha kif ingħad hawn fuq.

4. Minħabba f'dan, l-istess Paul Caruana - K.I. nru. 408876(M), istitwixxa proċeduri ġewwa l-Qorti Ċivili, Prim'Awla (*1154/07TA – Paul Caruana vs Marco Grech et*), b'kawża magħmula *ai termini* tal-artikolu 1372 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Dawn ġew deċiżi fit-13 t'Ottubru 2017, u dik l-Onorabbli Qorti iddikjarat li l-bejgħ li sar bejn l-esponenti (hawn rikorrenti) u Paul Caruana kien wieħed null u bla effett, u ikkundannat lill-istanti jagħti lura lil dan Paul Caruana is-somma ta' għoxrin elf disa' mija u sebgħin euro (€20,970), bl-imgħax legali mis-6 ta' Novembru 2007, u ikkundannatu wkoll iħallas l-ispejjeż tiegħu u dawk tal-attur

Paul Caruana. Dan, kif jirriżulta mis-sentenza hawn esebita u immarkata bħala Dokument 'AD 1'.

5. B'konsegwenza ta' din is-sentenza (li marret in ġudikat), l-esponenti (hawn, ir-rikorrenti) ma kellux għażla għajr illi jiffirma skrittura biex dak dovut lil Paul Caruana minnu skont l-istess sentenza jiġi imħallas fi ħlasijiet imqassma.

6. Jiġi mtenni illi meta biegħ lil Paul Caruana - K.I. nru. 408876(M), l-esponenti kien *in buona fede*. Mhux l-istess jingħad għall-intimat Joseph Tonna, li kien jaf ben tajjeb illi lir-rikorrenti Andrew Debono kien qiegħed ibiegħlu vettura misruqa, u għażel xorta waħda li jostor dan il-fatt. Filfatt, l-inimat Joseph Tonna ammetta l-akkużi miġjuba kontrih fi proċeduri relatati mal-aġir tiegħu dwar din il-vettura, u b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tal-31 ta' Mejju 2010, ingħata l-piena relattiva (ara l-anness Dokument 'AD2').

7. Saħansitra, fil-kawża l-oħra hawn ċitata (*1154/07TA – Paul Caruana vs Marco Grech et*), il-Qorti fehmet dan, u ikkonkludiet, b'riferenza għal Joseph Tonna, illi huwa "*kien pjenament konsapevoli tal-illegalità kommessa, jekk mhux minnu bħala attur, żgur bħala kompliċi*" (paġna 14 tas-sentenza). Iżda, minħabba illi dik il-kawża kienet waħda prettament taħt l-artikolu 1372 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, minkejja dik id-dikjarazzjoni inekwivoka, għal raġunijiet proċedurali, il-Qorti kellha tillibera lil Joseph Tonna (hawnhekk, l-intimat) mill-osservanza tal-ġudizzju b'dana illi qalet illi "*Andrew Debono, jekk ikun il-każ għandu dritt li jdur fuq l-awtur tiegħu Joseph Tonna, għad-danni li jkun sofra b'konsegwenza tal-fatt li jkun trasferilu ħaġa ta' ħadd ieħor u di piu' meta fil-mument tal-bejgħ kien jaf li ma tappartjenix lilu. Għalhekk, f'dan ir-rigward il-Qorti ser tkun qed tirriserva lill-konvenut Andrew Debono kull azzjoni li jista' jkollu kontra l-kjamat in kawża Joseph Tonna*" (paġna 22 tas-sentenza).

8. L-esponenti rikorrenti qiegħed għalhekk iressaq din il-kawża bil-għan illi jirkupra mingħand l-intimat Tonna id-danni u l-ispejjeż kollha minnu inkorsi kawża tal-aġir ta' Joseph Tonna, li wassal għas-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla hawn fuq ċitata fil-konfront tar-rikorrenti, u l-konsegwenzi kollha li din ġabet magħha, hekk ukoll il-ħwejjeġ anċillari għaliha.

9. L-esponenti personalment u Beranmar Limited jafu b'dawn il-fatti kollha.

Raġuni tat-Talba

1. Għaldaqstant kellha ssir din il-kawża.

Talbiet:

Jgħid għalhekk l-intimat, 'l għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni meqjusa neċessarja u opportuna:

1. Tiddikjara illi l-intimat huwa unikament responsabbli għad-danni kollha sofferti mir-rikorrenti, relattivament dawk konsegwenti għax-xiri u s-sussegwenti bejgħ tal-vettura Peugeot 406, bin-numru ta' reġistrazzjoni BBN537, inkluż dawk emerġenti mis-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla fl-ismijiet ta' *1154/07TA – Paul Caruana vs Marco Grech et,* kif ukoll l-ispejjeż kollha konsegwenti u/jew aċċessorji għall-istess;

2. Tillikwida, jekk tħoss il-ħtieġa permezz ta' periti nominati, id-danni u l-ispejjeż sofferti mir-rikorrenti;

3. Tikkundanna lill-intimat sabiex iħallas lir-rikorrenti d-danni hekk likwidati;

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimat, inkluż tal-mandat numru 995/2018, u bl-imgħax legali, dekorribbli mit-13 t'Ottubru 2017 jew data oħra li tqisa opportuna din l-Onorabbli Qorti, ilkoll kontra l-intimat, li jinsab minn issa inġunt għas-subizzjoni.

Rat **ir-Risposta Ġuramentata ta' Joseph Tonna** ippreżentata fil-11 ta' Settembru, 2018 fejn jingħad kif ġej:

i. Illi kwalsiasi talbiet ta’ Beranmar Limited fil-konfront tieghu huma manifestament infondati fil-fatt u fid-dritt stante li qatt ma kien hemm l-ebda relazzjoni guridika ta’ ebda natura bejnu u bejn Beranmar Limited.

ii. Illi t-talbiet tal-atturi fil-konfront tal-esponenti huma perenti bl-effett tal-Artikolu 2132 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

iii. Illi f’kull kaz kwalsiasi talba ghad-danni hija preskritta bid-dekors ta’ sentejn ai termini tal-Kap 2153 tal-Kap 16.

iv. Illi f’kull kaz ukoll, kwalsiasi talba ghad-danni m’ghadhiex proponibbli minhabba t-trapass taz-zmien u dan ai termini tal-Art. 2154, 2155 u 2156(f) tal-Kap 16.

v. Illi f’kull kaz l-ebda ammont mhu dovut mill-esponenti.

Rat l-atti tal-kawża odjerna kif ukoll l-atti tal-kawza numru 719/2018 fl-ismijiet "Paul Caruana vs Marco Grech et." deċiża mill-Prim' Awla fit-13 ta' Ottubru 2018 li l-atti tagħha ġew allegati mal-atti tal-kawza odjerna in forza ta' digriet tat-22 ta' Novembru 2018.

Rat il-provi li tressqu waqt il-prosegwiment tal-proċeduri;

Semgħet it-trattazzjoni tal-Avukati tal-partijiet;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni Attriċi**.

In forza ta' skrittura datata 2 ta’ Settembru 2003, il-konvenut Joseph Tonna ittrasferixxa a favur l-attur Andrew Debono għan-nom tas-soċjeta' attriċi Beranmar Ltd l-vettura tal-għamla Peugoet 406 bin-numru ta’ reġistrazzjoni BBN537 u dan

bħala parti mill-prezz ta' vettura Toyota nru TBB 918 li Andrew Debono għan-nom tas-soċjeta' attriċi Beranmar Ltd biegħ lill-konvenut Joseph Tonna.[1] Jirriżulta minn xhieda oħra, għaliex il-kopja tal-iskrittura tat-2 ta' Settembru 2003 hija in parte mhux leġibbli, illi l-ftehim bejn l-attur u l-konvenut kien illi l-konvenut Joseph Tonna jixtri mingħand is-soċjeta' attriċi vettura Toyota nru TBB 188 għall-prezz ta' sitt elef u tmien mitt lira Maltin (Lm6,800) li kellhom jitħallsu in kwantu għal Lm6,000 permezz ta' tpartit/bejgħ lill-attur Andrew Debono tal-vettura Peogeut nru BBN 537 mertu tal-kawża odjerna oltre s-somma ta' Lm800 fi flus kontanti. Jidher illi fil-formola tat-trasferiment ippreżentata mal-awtoritajiet kompetenti il-vettura Peugeot ġiet reġistrata minn fuq Joseph Tonna għal fuq Andrew Debono f'ismu personali u mhux fuq is-soċjeta' attriċi.

Ftit ġimgħat wara dan il-bejgħ/tpartit, preċiżament fid-29 ta' Settembru 2003 il-vettura Peugeot nru BB-537 inbiegħet mill-attur Andrew Debono lil ċertu Paul Caruana għal prezz ta' disat elef Lira Maltin (Lm9,000) ekwivalenti llum għal għoxrin elf, disa' mija u sebgħin ewro (€20,970).

Fis-17 ta' Lulju 2007 din il-vettura ġiet elevata mill-Pulizija mingħand l-imsemmi Paul Caruana pendenti investigazzjoni ta' serq tal-istess vettura.

Sussegwentement il-Pulizija Eżekutiva proċedew kontra Joseph Tonna (l-konvenut odjern) u xlewh b'diversi akkkużi fosthom ta' riċettazzjoni ta' oġġett misruq. B'sentenza tal-31 ta' Mejju 2010 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Tonna**[2] mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (Att Nru 409/2010) l-konvenut Joseph Tonna instab ħati wara li ammetta għall-akkużi miġjuba kontrih, inkluż ir-reat ta' riċettazzjoni.

Meta l-vettura ġiet elevata mingħand Paul Caruana u wara li ġie informat illi l-vettura li kien xtara mingħand l-attur Andrew Debono kienet vettura misruqa u li ma kenitx ser terġa tingħata lilu, l-imsemmi Paul Caruana istitwixxa fis-6 ta' Novembru 2007 kawża kontra Andrew Debono (l-attur odjern) u kontra s-salesman (Marco

[1] Ara kopja tal-iskrittura ta' bejgħ u tpartit ta' vetturi f'paġna 60 fil-kawza Rik Gur 1154/2007 markata Dok.A
[2] Ara kopja f'paġna 30 tal-proċess

Grech) ai termini tal-Artikolu 1372 tal-Kapitolu 16[3]. Permezz ta' sentenza mogħtija fit-13 ta' Ottubru 2017 ġie deċiż li l-bejgħ tal-vettura kien wieħed null u bla effett u ikkundannat lill-attur odjern Andrew Debono jirrifondi lura lil Paul Caruana s-somma ta' €20,970 bl-imgħax legali mis-6 ta' Novembru 2007 oltre l-ispejjeż. Fis-7 ta' Marzu 2018 l-attur Andrew Debono u l-imsemmi Paul Caruana resqu fuq skrittura[4] fejn filwaqt li għamlu referenza għas-sentenza tat-13 ta' Ottubru 2017 ftehmu illi għalkemm is-sentenza kienet ikkundannat lil Andrew Debono jħallas is-somma komplessiva ta' €40,029 rappreżentanti €20,970 sorte, €16,930 imgħax legali u €2129 spejjeż tal-kawża, Paul Caruana kien lest jaċċetta l-ħlas tas-somma ta' €28,000 għas-saldu purche Andrew Debono jonora l-modalita' tal-pagament tal-istess kif miftiehem fl-iskrittura.

Fil-kawza Paul Caruana vs Andrew Debono et. fuq talba tal-konvenut f'dik il-kawża Marco Grech kien ġie kjamat in kawza Joseph Tonna, l-konvenut odjern; iżda fis-sentenza Joseph Tonna kien ġie liberat mill-osservanza tal-ġudizzju tenut kont in-natura ta' dik l-azzjoni, filwaqt li l-Qorti ħalliet impreġudikat id-dritt ta' Andrew Debono li jipproċedi kontra Joseph Tonna in segwitu għal dak deċiż fis-sentenza tat-13 ta' Ottubru 2017. Fil-mori ta' dik il-kawża l-attur Andrew Debono f'ismu proprio u għan-nom tas-soċjeta' attriċi ippreżenta fit-12 ta' Ġunju 2009 protest ġudizzjarju kontra Joseph Tonna fejn poġġih f'dolo, mora u culpa u żammu responsabbli għad-danni kaġun tal-proċeduri li kien istitwixxa kontrih Paul Caruana.[5] Joseph Tonna irrisponda għal dak il-protest permezz ta' kontro protest preżentat fid-19 ta' Ġunju 2009[6] fejn ċaħad dak kollu allegat fil-konfront tiegħu.

Permezz tal-azzjoni odjerna l-atturi qegħdin jitolbu li jirkupraw mingħand il-konvenut id-danni konsegwenzjali li sofrew kaġun tal-aġir kriminali tal-konvenut meta ittrasferixxa l-vettura Peugeot lill-attur bħala parti mill-prezz ta' vettura oħra li l-attur nomine itrasferixxa lill-konvenut.

Ikkunsidrat;

---

[3] **Paul Caruana vs. Marco Grech et** (Rik Gur 1154/2007) deciza mill-Qorti Civili, Prim'Awla fit-13 t'Ottubru 2017

[4] Ara kopja tal-iskrittura f'paġna 41 tal-proċess.

[5] Ara kopja tal-protest f'paġna 98 tal-kawża numru 1154/07

[6] Ara kopja tal-kontro protest f'paġna 100 tal-kawża numru 1154/07 u d-data fil-lista tad-dokumenti f'paġna 96 tal-istess kawża.

**Provi**.

**L-attur Andrew Debono** xhed li huwa ghandu negozju ta' *Car Dealer* u ilu f'dan in-negozju ghal hamsa u ghoxrin sena. Huwa jikkonferma li xtara l-vettura tal-ghamla Peugot 406 fit-2 ta' Settembru 2003 minghand il-konvenut Joseph Tonna ghall-prezz ta' Lm6,800. Dan mhux korrett għaliex il-valur li ingħata lill-vettura Peugeot 406 ma kienx ta' Lm6,800 iżda ta' Lm6,000.

Jixhed illi il-vettura Peugeot inbieghet fid-29 ta' Settembru 2003 lil Paul Caruana. Jghid li waqt il-kawza civili li kienet ghaddejja kontrih huwa sar jaf li gie mibdul ix-chassis tal-vettura. Jghid ukoll li "nhar it-13 t'Ottubru 2017, fis-sentenza ta' din il-kawza [Paul Caruana vs. Marco Grech et] il-Qorti qalet li jien bieghet lil Paul Caruana fit-tajjeb, kif ukoll li kelli dritt li ndur fuq Joseph Tonna ghad-danni li sofrejt b'konsegwenza tal-fatt li huwa bieghli haga ta' haddiehor u li fil-mument tal-bejgh huwa kien jaf li ma tappartjenix lilu. Il-Qorti stess ordnat ukoll sabiex inhallas lil Paul Caruana l-ammont ta' €20,970 kif ukoll l-imghaxijiet legali mis-6 ta' Novembru 2007 sal-pagament effettiv. Fil-fatt nhar is-7 ta' Marzu 2018 jien u Paul Caruana ghamilna skrittura privata[7] dwar kif ser jsir dan il-hlas."[8] Jirreferi wkoll ghal fatt li Joseph Tonna ammetta quddiem il-Qorti bl-akkuzi miġjuba kontrih. Huwa jghid li ghamel diversi tentattivi sabiex jasal fi ftehim ma' Joseph Tonna però dan qatt ma tah twegiba.

In kontro-ezami l-attur Andrew Debono xehed li huwa gie ordnat ihallas somma ta' flus mill-Qorti lil Paul Caruana, però l-avukat tal-konvenut irrimarka li s-somma li hemm fil-ftehim ta' bejn Andrew Debono u Paul Caruana tas-7 ta' Marzu 2018 huwa anqas minn dak li kien gie ordnat ihallas. Ghal din l-osservazzjoni x-xhud jghid li din kienet affari personali ta' Paul Caruana. Jikkonferma li kien sar tpartit aktar milli bejgh tal-vetturi. Jghid li m'huwiex minnu li huwa staqsa lil Tonna minn fejn kienet ġejja l-vettura, jghid li huwa ma jsaqsihx hekk. Li jaghmel huwa li jara l-vettura u jara f'liema kondizzjoni tkun il-vettura. Ix-xhud ma jiftakarx jekk ma' Tonna kienx hemm huh (cioe hu Tonna), lanqas ma jiftakar jekk hu Tonna kienx staqsa ghal

[7] Kopja tal-iskrittura tinstab f'pagna 41 tal-process.
[8] Pagna 51 tal-process.

senserija. Debono lanqas ma jikkonferma li huwa kien qal lil Tonna li kieku kien jaf minn fejn giet il-vettura huwa ma kienx jehodha u dan ghaliex b'mod ġenerali huwa qatt ma uza dan il-kliem mal-klijenti tieghu. Ghal mistoqsija dwar il-kontumacja tieghu tieghu fil-kawza ċivili li ngabet kontrih minn Paul Caruana, huwa jghid li dak iz-zmien huwa kien marid b'tumur.

Xehed il-konvenut **Joseph Tonna** permezz t'affidavit fejn jghid li f'Settembru 2003 huwa kien kellem lil Andrew Debono sabiex ipartat vann karozza ma' Toyota Hilux. Ikompli jghid li huwa mar ix-*showroom* ta' Bulebel u mieghu kien hemm certu Joseph Sultana, "hekk kif ra l-karozza Debono kien staqsieni jekk din kinetx imbagħbsa jew le u jiena wegibtu illi din kienet karozza li kellu hija u li kienet taxi, li kienet inharqitlu, u kif ghedtlu hekk ma reġax staqsieni iktar dwar dan." L-ghada mar ix-*showroom* tas-Siggiewi biex jara l-vann hemm, u dakinhar sar in-negozju fejn Tonna ta' lil Debono Peugeot 406 u Debono ta' lil Tonna l-vann tat-tip Toyota Hilux. L-ghada Tonna mar jaghti Lm800 lil Debono bhala parti min-negozju u dakinhar Debono kien gharrfu li kien mar huh ghas-senserija u qallu wkoll li kieku kien jaf liema hi l-karozza ma kienx jehodha imma n-negozju kompla ghaddej. Jghid li minn dak inhar huwa ma sema' xejn aktar dwar il-vettura. Kien biss fis-sena 2009 li huwa kien ircieva protest minghand Andrew Debono f'ismu u ghan-nom ta' Beranmar Ltd. Jikkonkludi l-affidavit tieghu billi jaghmel referenza ghall-kawza "Paul Caruana vs.  Mark Grech et" li fiha Joseph Tonna kien gie kjamat in kawza u jghid li wara dik il-kawza huwa qatt ma rcieva aktar dokumenti jew ittri.

Fit-12 ta' Novembru 2019 sar il-kontro-ezami ta' Joseph Tonna. Jghid li huwa kellu zewg proceduri kontrih, wahda civili u ohra kriminali. Jikkonferma li c-civili kienet fuq karozza li huwa biegh lil Debono. Fir-rigward tal-proceduri kriminali huwa ikkonferma li kien ammetta l-akkuzi u li kien wehel multa u sena habs sospiza ghal sentejn. Jispjega li huwa xtara l-karozza mertu tal-kawza "minghand haddiehor ghax jiena l-karozza qatt ma ridt nirrangaha hekk. Il-karozza kien hemm wiehed ried ibieghieli u qalli "nirrangalek kollox jiena". Fil-fatt imsemmi fil-kawza wkoll "Pierre Carabott, li irrangali kollox u kienet lesta l-karozza."[9] Jghid li huwa kien jaf li n-numru tal-karrozza ma kienx taghha.

[9] Pagna 76 tal-process.

Xehed l-**Assistent Kummissarju Stephen Mallia.** Huwa spjega li meta kien Spettur kien involut fl-investigazzjoni flimkien mal-Ispettur Christopher Pullicino. Xhed li kien irizultalhom li Paul Caruana kien xtara xi zmien qabel minghand id-dealer Andrew Debono Peugeout u meta kien hadha ghal VRT sabulu xi diskrepanza fix-chassis number u ghalhekk giet riferuta lill-*unit* tal-Investigazzjoni Kriminali. Jghid li "Kien irrizulta li ghandha x-chassis number imbagħbas u minhabba li kellna bzonn anke xi esperti ghax l-investigazzjoni kienet tirrikjedi certa testijiet fuq il-karozza, konna anke ghamilna nkjesta, kien inhatar l-espert Mario Buttigieg, konna anke rreferjna ghand l-agent tal-Peugeot biex jaghtina daqsxejn assistenza fejn jidhlu dettalji, serial numbers etc u kien irrizultalna fl-ahhar mill-ahhar li din il-karozza kienet karozza misruqa u t-tbagħbis li sar kien bdil ta' chassis number ma' Peugeot ohra li snin qabel kienet xi darba wkoll taxi li kienet anke nharqet u li kien hemm il-bdil ta' magna, tbagħbis fix-chassis number jigifieri l-vettura fil-verita' tkun giet 'swapjata'."[10] Wara li saret investigazzjoni kienu resqu lil Joseph Tonna u Pierre Peter Carabott li kienu nvoluti fi tbagħbis ta' din il-vettura, però ma rrizultalhomx li Debono kien jaf li kienet imbagħbsa tant li l-ebda proceduri kontra Andrew Debono ma ttiehdu. In kontro-ezami l-Assistent Kummissarju ikkonferma li kienu ghamlu investigazzjonijiet ulterjuri fil-konfront ta' Debono.

Waqt is-seduta tat-12 ta' Gunju 2019 xehed **Paul Caruana**, fejn jikkonferma li l-vettura Peugeot 406 bin-numru ta' registrazzjoni BBN 537 kien xtraha hu minn ghand Andrew Debono. Jikkonferma li huwa kien mar jaghmel VRT u dan qallu sabiex imur id-Depot ghax sabu xi affarijiet u huwa hekk ghamel. Kienu infurmawh li l-vettura ser izommuha huma ghaliex il-vettura kienet misruqa. Wara dan huwa kien fetah proceduri civili kontra Andrew Debono u li kienet giet deciza favorih. Jghid li s-sentenza kienet tirreferi ghas-somma ta' €20,970 pero bl-imghaxijiet u l-ispejjez imbaghad telghet erbghin elf ewro (€40,000). Huwa jghid li wara xahar u nofs ta' diskussjonijiet, huwa kien qabel li jithallas tmienja u ghoxrin elf ewro (€28,000) fejn ha l-ewwel pagament ta' ghaxart elef ewro (€10,000) u l-kumplament qieghed jehodhom hames mitt ewro (€500) fix-xahar. Jikkonferma li huwa dejjem ircieva l-pagamenti u ghadu qieghed jithallas.

[10] Pagna 67 tal-process.

Ikkunsidrat;

**Konsiderazzjonijiet**.

Qabel tgħaddi sabiex tikkunsidra l-eċċezzjonijiet rigwardanti l-preskrizzjoni u dekadenza, jeħtieġ li l-Qorti l-ewwel tiddetermina in-natura tal-azzjoni għad-danni esperita mill-atturi.

Permezz tal-kawża odjerna l-attur jippremetti illi huwa "... qieghed għalhekk iressaq din il-kawża bil-għan illi jirkupra mingħand l-intimat Tonna id-danni u l-ispejjez kollha minnu inkorsi kawża tal-aġir ta' Joseph Tonna, li wassal għas-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim' Awla fuq ċitata fil-konfront tar-rikorrenti, u l-konsegwenzi kollha li din ġabet magħha, hekk ukoll il-ħwejjeġ anċillari għaliha."

Din hija azzjoni għal ħlas ta’ danni naxxenti minn bejgħ ta' vettura mill-konvenut lill-attur meta l-konvenut kien jaf li l-vettura kienet misruqa. Il-bejgħ sar fis-sena 2003 u ftit wara l-attur biegħha lil ċertu Paul Caruana. Kien biss fis-sena 2007 li l-attur skopra li kien xtara mingħand il-konvenut vettura misruqa, u dan peress li kien fis-sena 2007 li Paul Caruana skopra li l-vettura minnu mixtrija mingħand l-attur odjern kienet misruqa, sar rapport lill-Pulizija li min-naħa tagħhom ħarku lill-konvenut Joseph Tonna u xlewh li :-

a. “[...] talli fis-6 ta’ Frar 2003 u/jew fix-xhur ta’ wara din id-data, f’dawn il-gzejjer xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa (vettura tat-tip Peugeot 406 li l-valur taghha huwa ta’ aktar minn €2329.37), mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat jew xjentement b’kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;
b. U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lokijiet u cirkostanzi, sabiex jikseb xi beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta tgharif falz billi wahhal sett pjanci tar-registrazzjoni foloz bin-numru BBN537 fuq vettura differenti minn dik li ghaliha kienu jappartjenu l-istess pjanci ta’

registrazzjoni u cioe wahhal l-istess pjanci fuq vettura tal-marka Peugeot 406 bin-numru ta' registrazzjoni originali ABI421;

c. U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lokijiet u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat, billi wahhal sett pjanci tar-registrazzjoni foloz bin-numru BBN537 fuq vettura differenti minn dik li ghaliha kienu jappartjenu l-istess pjanci ta' registrazzjoni u cioe billi wahhal l-istess pjanci fuq vettura tal-marka Peugeot 406 bin-numru ta' registrazzjoni originali ABI421;

d. U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lokijiet u cirkostanzi, minghajr l-approvazzjoni bil-miktub tal-Kummissarju tal-Pulizija, b'xi mod li jkun, baghbas, nehha, biddel jew ghamel numru ta' l-identifikazzjoni ta' chassis jew makna ta' jew fuq vettura bil-mutur u cioe billi wahhal numru tax-chassis falz jaqra VF38BP8CE80228124 fuq vettura tal-marka Peugeot 406 bin-numru tax-chassis originali jaqra VF38BP8CE80219688 u bin-numru ta' registrazzjoni originali ABI421"[11]

Għal dawn l-akkużi, Tonna wieġeb li huwa ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontrih. Referenza għal din id-deċiżjoni qiegħda ssir peress li l-vettura mertu tal-kawża kriminali hija l-istess vettura li l-konvenut Joseph Tonna ittrasferixxa lill-attur Andrew Debono, liema vettura Debono biegħ lil terz. Fil-proċeduri odjerni, waqt il-kontro-eżami miżmum fit-12 ta' Novembru 2019 il-konvenut Tonna ikkonferma li kien ammetta għall-akkużi. Għal mistoqsija "għalfejn għażilt tammetti għall-akkużi", il-konvenut irrisponda "għax għamilt hekk"[12]. Dawn l-istanzi kollha jikkonfermaw li l-konvenut kien ben konxju ta' x'kien qiegħed jagħmel meta biegħ lill-attur; kien jaf li huwa qiegħed jittrasferixxi vettura li kienet misruqa. Dan ir-reat huwa magħruf bħala reat ta' riċettazzjoni.

Huwa minnu illi fil-proċeduri penali l-konvenut ma ġiex mixli wkoll li biegħ lill-attur odjern vettura meta kien jaf li kienet misruqa, iżda sabiex fil-proċeduri odjerni ta' natura ċivili jirriżulta illi l-aġir tal-konvenut fil-konfront tal-attur meta biegħlu vettura misruqa huwa reat kriminali ma hux meħtieġ li l-konvenut jiġi misjub ħati ta' dak ir-reat fi proċeduri penali.

[11] Paġni 38 – 39 tal-proċess.
[12] Paġna 75A tal-proċess.

Kif irriteniet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza "**Mary Ann Borg noe. Vs. Korporazzjoni Enemalta et**." (Appell 426/2005/1) mogħtija fil-31 ta' Jannar 2014:-

> "Kull reat inissel azzjoni kriminali u azzjoni ċivili1 li huma indipendenti minn xulxin, u d-deċiżjonijiet tal-qrati ta' ġurisidzzjoni kriminali ma humiex konklużivi għall-għanijiet tal-azzjoni ċivili . Li ma kienx hekk, billi l-grad tal-prova huwa differenti fiż-żewġ azzjonijiet, l-attur fl-azzjoni ċivili kien ikollu jegħleb oneru ta' prova ogħla minn dak illi trid il-liġi ċivili. Is-sentenzi tal-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali huma ammissibbli bħala prova fl-azzjoni ċivili, u għandhom piż daqs kul prova ammissibbli oħra , iżda d-deċiżjoni għall-għanijiet tal-kawża ċivili tkun dik tal-qorti ċivili u mhux tal-qorti kriminali. Jekk l-azzjoni ċivili tintlaqatx bl-art. 2153 jew mill-art. 2154 ma jiddependix minn jekk il-konvenut instabx ħati tar-reat, iżda jekk il-fatt attribwit lilu jinkwadrax fid-definizzjoni ta' reat jew le. Naturalment, jekk eventwalment jinstab – mill-qorti ċivili u sal-grad ta' prova li trid il-liġi ċivili – illi l-fatt ma seħħx, l-azzjoni tfalli mhux minħabba l-preskrizzjoni iżda għax il-premessa tal-azzjoni ma ġietx provata. Iżda ma tistax aprioristikament u bla ma tqis il-provi fid-dawl tal-oneru tal-prova li trid il-liġi ċivili tgħid illi, għax il-qorti ta' ġurisidzzjoni kriminali ma sabitx ħtija ta' reat, dan ipso iure jwassal għall-konklużjoni li l-preskrizzjoni li tgħodd għall-każ ma hijiex dik taħt l-art. 2154. Fil-każ tallum l-attur essenzjalment qiegħed igħid illi l-għemil tal-konvenuti huwa dak ta' "min b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti jikkaġuna l-mewt ta' xi ħadd", li huwa r-reat kriminali ta' omiċidju involontarju kif definit taħt l-art. 225 tal-Kodiċi Kriminali. Dan huwa biżżejjed biex għall-każ ikun igħodd l-art. 2154 tal-Kodiċi Ċivili. "

Lura għall-kawża odjerna, huwa ammess mill-istess konvenut illi fil-mument li biegħ il-vettura de quo lill-attur, huwa kien jaf li kien qed ibiegħ oġġett misruq. Tali aġir jikkostitwixxi r-reat imsejjaħ 'riċettazzjoni' kontemplat fl-**Artikolu 334 tal-Kodiċi Kriminali:**

> Kull min f'Malta xjentement jilqa' għandu jew jixtri ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, jindaħal biex ibiegħhom jew imexxihom, jeħel, meta jinstab ħati -(a) jekk il-ħaġa tkun ġejja minn serq, bil-pieni tas-serq,skont il-valur tal-ħaġa;(b) jekk il-ħaġa tkun ġejja minn wieħed mir-reati dwar ħwejjeġ akkwistati jew miżmuma kontra l-liġi, bil-piena li hemm għal min hekk jakkwista jew iżomm;(ċ) jekk tkun ġejja minn frodi, bil-pieni li hemm għal dik ix-xorta ta' frodi li minnha l-ħaġa tkun ġejja:

Fil-premessi u fit-talbiet attriċi fir-rikors ġuramentat l-attur jispjega b'mod ċar illi huwa ħarrek lill-konvenut għad-danni li sofra konsegwenza tax-xiri mingħand il-konvenut ta' vettura li snin wara irriżulta li kienet misruqa. Rilevanti jiġi osservat illi fir-risposta ġuramentata tiegħu il-konvenut fl-ebda ħin ma jirribatti l-allegazzjoni fil-konfront tiegħu illi huwa biegħ vettura lill-attur meta kien jaf li kienet misruqa.

Il-Qorti tqis illi ġie ppruvat sodisfaċentement li l-konvenut indaħal biex ibiegħ lill-attur vettura li kien jaf hi misruqa u dan fit-termini tal-Artikolu 334 tal-Kap. 9 u għalhekk tqis illi l-attur irnexxielu jipprova sodisfaċentement illi l-konvenut ikkommetta għad-dannu tal-istess attur ir-reat ta' riċettazzjoni bil-konsegwenza li l-attur sofra d-danni minnu reklamati.

Skont **Artikolu 3 tal-Kodiċi Kriminali**, kull reat kontemplat taħt l-imsemmi Kodiċi jagħti wkoll lok għal azzjoni ċivili u għar-riżarċiment tad-danni. Bl-azzjoni odjerna, l-attur qiegħed jeżerċita d-dritt mogħti lilu taħt l-Artikolu 3 (3) tal-Kapitolu 9. B'konsegwenza tar-reat tal-konvenut a detriment tal-attur, l-attur ġie ordnat minn din il-Qorti diversament preseduta[13] iħallas lil Paul Caruana s-somma ta' għoxrin elf, disa' mija u sebgħin Ewro (€20,970) bl-imgħaxijiet legali mis-6 ta' Novembru 2007 sal-pagament effettiv.

Stabbilit in-natura tal-azzjoni attriċi l-Qorti ser tgħaddi sabiex tiddelibra dwar l-ewwel eċċezzjoni mressqa mill-konvenut.

[13] Hawn qiegħda ssir referenza għas-sentenza **Paul Caruana vs. Marco Grech et** (Rik Ġur 1154/2007TA deċiża fit-13 t'Ottubru 2017.

**L-Eċċezzjoni li s-soċjeta' attriċi Beranmar Ltd m'għandiex locus standi**.

Permezz ta' l-ewwel eċċezzjoni tiegħu l-konvenut jeċċepixxi illi m'hemm l-ebda relazzjoni ġuridika bejn il-konvenut Joseph Tonna u s-soċjetà attriċi Beranmar Ltd.

Il-kawża odjerna ġiet istitwita minħabba dak deċiż fis-sentenza Paul Caruana vs Marco Grech et. mogħtija fit-13 ta' Ottubru 2017. F'dik il-kawża is-soċjeta' attriċi la kienet parti u wisq anqas ġiet ikkundannata tirrifondi xi flus lil Paul Caruana. Għalhekkk sallum is-soċjeta' attriċi ma rriżulta li sofriet l-ebda danni bi ħtija tal-konvenut.

Din il-Qorti tirrileva wkoll li l-ftehim ta' kreditu/transazzjon tas-7 ta' Marzu 2018 sar bejn Andrew Debono f'ismu proprju u Paul Caruana, ma kien hemm l-ebda referenza għal Beranmar Ltd. Li tista' biss tosserva din il-Qorti huwa li filwaqt li Beranmar Ltd tidher fuq l-iskrittura ta' bejgħ/tpartit ma' Joseph Tonna, fid-dokumenti mal-ADT it-transfer form kienet turi li l-vettura ġiet trasferita minn Joseph Tonna a favur Andrew Debono u mhux a favur is-soċjeta' Beranmar Ltd.

Għalkemm l-eċċezzjoni in diżamina teċċepixxi "Illi kwalsiasi talbiet ta' Beranmar Limited fil-konfront tiegħu huma manifestament infondati fil-fatt u fid-dritt stante li qatt ma kien hemm l-ebda relazzjoni ġuridika ta' ebda natura bejnu u bejn Beranmar Limited", filwaqt li l-atti juru illi kien hemm negozju bejn is-soċjeta' attriċi u l-konvenut; in kwantu l-azzjoni attriċi hija inkwadrata bhala rekuperu ta' danni sofferti b'konsegwenza tas-sentenza Paul Caruana vs Marcus Grech u Andrew Debono; l-eċċezzjoni numru 1 hija fondata u ser tiġi akkolta.

Għaldaqstant din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut.

**Preskrizzjoni**.

Il-konvenut jilqa' għall-azzjoni attriċi billi jeccepixxi l-preskrizzjoni ai termini tal-Artikoli 2132 u 2153 tal-Kap. 16; kif ukoll il-preskrizzjoni ai termini tal-Artikoli 2154, 2155 u 2156 (f) tal-Kap. 16.

Kif rajna l-azzjoni attriċi hija msejsa fuq azzjoni għad-danni naxxenti minn reat. Għaldaqstant jeħtieġ li fl-ewwel lok jiġi determinat fl-ewwel lok jekk l-eċċezzjonijiet ta' preskrizzjoni u dekadenza eċċepiti mill-konvenut humiex applikabbli għall-azzjoni attriċi; u fit-tieni lok il-mument li fih beda jiddekorri t-terminu preskrittiv sabiex jiġi stabbilit jekk tali terminu preskrittiv iddekorriex jew le qabel ġiet intavolata l-kawża odjerna.

Il-Qorti tqis illi l-attur seta jaġixxi kontra l-konvenut għad-danni li sofra bil-kundanna kontra tiegħu ad istanza ta' Paul Caruana, mill-jum li fih huwa ġie kkundannat b'sentenza tal-Qorti Ċivili Prim' Awla tat-13 ta' Ottubru 2017 sabiex jirrifondi lil Paul Caruana s-somma ta' €20,970 oltre l-imgħax legali u l-ispejjez.

**Artikolu 2154(1) tal-Kodiċi Ċivili** jipprovdi illi:

> Dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni ċivili għall-ħlas tal-ħsarat ikkaġunati b'reat, għandhom jitħarsu r-regoli li hemm fil-Kodiċi Kriminali, għall-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali.

**Artikolu 688 tal-Kodiċi Kriminali** jipprovdi kif ġej:

> "Bla ħsara ta' fejn il-liġi tiddisponi xort'oħra, l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni –
> (a) bl-egħluq ta' għoxrin sena għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux anqas minn għoxrin sena;
> (b) bl-egħluq ta' ħmistax-il sena għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn għoxrin sena u mhux anqas minn disa' snin;
> (ċ) bl-egħluq ta' għaxar snin għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn disa'snin u mhux anqas minn erba' snin;
> (d) bl-egħluq ta' ħames snin għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn erba'snin u mhux anqas minn sena;
> (e) bl-egħluq ta' sentejn għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn sena, jew tal-multa jew għall-pieni tal-kontravvenzjonijiet;

(f) bl-egħluq ta' tliet xhur għall-kontravvenzjonijiet, u għall-inġurji bil-fomm suġġetti għall-pieni tal-kontravvenzjonijiet."

Jeħtieġ issa li jiġi determinat liema mis-sub-inċiż suċitat huwa applikabbli. Hawnekk si tratta tar-reat ta' riċettazzjoni. Il-piena għal dan ir-reat, in vista li l-oġġett ġej minn serq, il-piena applikabbli hija l-istess bħal ta' serq, determinata skont il-valur tal-oġġett.[14] Fil-każ odjern il-valur tal-vettura kienet teċċeddi €2,329.37 u għaldaqstant skont sub-inċiż (b) tal-Artikolu 279, il-piena ta' priġunerija hija għal żmien minn tlettax-il xahar sa seba' snin. B'ħarsa lejn l-Artikolu 688 l-azzjoni ċivili mressqa permezz ta' din il-kawża taqa' bi preskrizzjoni ta' għaxar snin.

Trattat il-perjodu preskrittiv applikabbli għall-każ in eżami, tibqa' l-kwistjoni dwar jekk l-attur ippreżervax id-dritt tiegħu li jieħu azzjoni kontra l-konvenut.

In tema legali ssir referenza għas-sentenza tal -Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fl-ismijiet **John Cordina et vs. Pirella Supermarkets Ltd et** (App Ċiv 253/2015/2) mogħtija fil-25 ta' Frar 2020:-

> "L-imsemmija provvedimenti tal-Kodici Kriminali m'ghandhomx japplikaw fil-qasam tal-bidu tal-preskrizzjoni, tal-interruzzjoni jew tas-sospensjoni tal-preskrizzjoni, ladarba d-disposizzjonijiet fil-Kodici Civili specifikatament jindirizzaw dawn l-oqsma. Ghalhekk m'ghandux japplika l-artikolu 691(1) tal-Kodici Kriminali [...] dwar il-bidu tal-preskrizzjoni ghall-fini ta' din il-kawza, izda l-artikolu 2137 tal-Kodici Civili li jipprovdi li l-preskrizzjoni tal-azzjoni tibda minn dik il-gurnata li l-azzjoni tkun tista' tigi ezercitata."[15]

Kif osservat il-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-sentenza mogħtija fl-14 ta' Ġunju 2001 fl-ismijiet **Raymond Grech et vs. Stefan Borg** (Ċit Nru 2165/2000) :

---

[14] Artikolu 334 tal-Kodiċi Kriminali.
[15] Ara wkoll **Emmanuele Degiorgio et vs. Twanny Moon et** (App Ċiv 864/2002) deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) deċiża fil-31 t'Ottubru 2007.

"Illi minhabba li l-preskrizzjoni mressqa mill-imharrek hija wahda estintiva tal-azzjoni attrici, jidhol fis-sehh il-principju li z-zmien preskrittiv jghaddi biss minn dak inhar li jkun tnissel id-dritt jew setghet tigi mibdija l-azzjoni meqjusa biex thares dak id-dritt. Dan il-principju huwa mibni fuq il-massima li *actioni non natae non praescribitur*. L-awturi Baudry-Lacantinerie u Tissier jghallmu li: "*Quanto alla prescrizione estintiva, il suo corso comincia in principio a partire dal giorno in cui e' nato il diritto o l'azione che e' destinata ad estinguere…*" (cfr. Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile: Della Prescrizione Cap XII. Par 364 pag 279). Izjed 'il quddiem izidu jghidu illi "*La prescrizione estintiva in materia di diritti eventuali non decorre evidentemente se non dopo il verificarsi dell'evento che fa nascere il diritto rimasto fin allora puramente eventuale*" (op. Cit. Par 393bis, pag 306)"

B'kontinwazzjoni ma' dan ġie stabilit ukoll li, għall-finijiet tal-Artikolu 2137 tal-Kodiċi Ċivili, iż-żmien li fih l-azzjoni jmissha tinbeda titqies minn ċirkostanzi oġġettivi u mhux minn x'jaħseb id-danneġġjat. In tema legali ssir referenza għad-deċiżjoni fl-ismijiet **Ignatius Busuttil v. Water Services Corporation** (App Ċiv 2761/2002) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fit-12 ta' Jannar 2005, fejn inghad: "Huwa principju maghruf f'materja ta' preskrizzjoni illi t-terminu tal-preskrizzjoni tad-dritt ghar-rizarciment tal-hsara minhabba fatt illecitu **jiddekorri mill-mument li fih il-hsara timmanifesta ruhha esternament** u ssir oggettivament percepibbli u maghruf." (enfasi ta' din il-Qorti).

Fid-dawl ta' dan l-insenjament jeħtieġ jiġi determinat minn meta t-terminu preskrittiv għall-azzjoni attriċi beda jiddekorri.

Is-sentenza li kkundannat lill-attur iħallas lil Paul Caruana ingħatat minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-13 ta' Ottubru 2017. Fil-fehma tal-Qorti l-attur seta' jipproċedi kontra l-konvenut sabiex jirkupra dak li ġie kkundannat mill-Qorti li jħallas lil Caruana mill-mument li ġie hekk kkundannat u mhux qabel. L-attur intavola l-kawża odjerna fid-9 ta' Lulju 2018 anqas minn sena wara li ingħatat is-sentenza kontra l-attur. Għalhekk l-ebda preskrizzjoni ma avverat ruħha.

Il-konvenut jsostni illi t-terminu preskrittiv kellu jibda jiddekorri minn meta Paul Caruana intavola l-kawza kontra l-attur u mhux meta dik il-kawża ġiet deċiża. L-azzjoni Paul Caruana vs. Marco Grech u Andrew Debono (Rik Ġur 1154/2007) ġiet imressqa fis-6 ta' Novembru 2007 u notifikat fil-11 ta' Diċembru 2007. Bis-saħħa ta' dik l-azzjoni Paul Caruana talab li l-bejgħ tal-vettura jigi dikjarat null u bla effett stante li l-vettura kienet misruqa u talab ukoll il-kundanna ta' ħlas flimkien ma' l-imgħaxijiet. Waqt ix-xhieda tiegħu fil-proċeduri odjerni Andrew Debono xhed li sar jaf b'dak li kien għamel Joseph Tonna proprju waqt dawk il-proċeduri mressqa kontra l-istess Andrew Debono minn Paul Caruana. Id-dannu li kien qed jippretendi kontrih Paul Caruana  sar magħruf lil Andrew Debono minn dak il-mument.

**Artikolu 2128** tal-Kapitolu 16 jipprovdi li "Il-preskrizzjoni tinkiser ukoll b'kull att ġudizzjarju ppreżentat fl-isem tas-sid jew tal-kreditur, innotifikat lill-parti li kontra tagħha wieħed irid li ma jħallix timxi l-preskrizzjoni, u li minnu jkun jidher biċ-ċar illi s-sid jew il-kreditur bi ħsiebhom iżommu l-jedd tagħhom."

Il-Qorti rat l-atti kollha tal-kawża in eżami kif ukoll dik allegata magħha u ċioe Paul Caruana vs. Marco Grech et (Rik Ġur 1154/2007) u fir-risposta ġuramentata ta' Joseph Tonna li ġiet ippreżentata fl-azzjoni bin-numru tar-Rikors Ġuramentata 1154/2007 saret referenza għal protest ġudizzjarju li ġie ippreżentat fit-12 ta' Ġunju 2009 minn Andrew Debono f'ismu proprju u in rappreżentanza tas-soċjetà Beranmar Limited. Kopja ta' dan il-protest tinstab ukoll fl-imsemmi proċess u din il-Qorti ħadet konjizzjoni tiegħu.[16] Ai temini tal-Artikolu 891 tal-Kapitolu 12 "meta l-protest jew l-ittra ufficjali jkunu magħmula biex jiksru ż-żmien tal-preskrizzjoni, huma jibdew iseħħu mill-ġurnata tal-preżentata". Għal kull buon fini jingħad ukoll li għal dan il-protest ġie ippreżentat kontro-protest mill-konvenut fid-19 ta' Ġunju 2009[17]. Għaldaqstant din il-Qorti tikkonkludi li bis-saħħa ta' dan il-Protest, it-terminu ta' għaxar snin preskrizzjoni ġie interrott ġaladarba din l-azzjoni ġiet intavolat fid-9 ta' Lulju 2018, disa' snin wara l-preżentata tal-protest ġudizzjarju.

Jirriżulta għalhekk bl-aktar mod inekwivoku illi l-azzjoni attriċi ma hiex preskritta sew jekk it-terminu ta' preskrizzjoni ta' għaxar snin beda jiddekorri mal-għoti tas-

[16] Paġna 98 et seq tal-proċess allegat.
[17] Paġna 100 tal-proċess allegat.

sentenza tal-Prim' Awla tat-13 ta' Ottubru 2017 sew jekk jiġi kkunsidrat illi t-terminu tal-preskrizzjoni beda jiddekorri mill-mument li l-attur ġie notifikat bil-kawza nru 1154/07 fl-10 ta' Diċembru 2007.[18]

Għaldaqstant il-Qorti qed tirrespingi l-eċċezzjoni numru 4 stante li l-kawża ġiet intavolata qabel ma ddekorra t-terminu preskrittiv applikabbli stabbilit bl-Artikolu 2154 tal-Kap. 16.

Il-konvenut eċċepixxa wkoll li l-azzjoni hi perenta ai termini tal-Artikolu 2132 tal-Kap 16. Għar-rigward il-preskrizzjoni ta' xahar imsemmi taħt l-Artikolu 2132 (2), sabiex jiġi determinat jekk dan huwiex fil-fatt applikabbli, jeħtieġ li jiġi moqri mal-ewwel sub-artikolu:

> "(1) Il-ksur tal-preskrizzjoni magħmul b'talba ġudizzjarja, jitqies bħallikieku ma sarx, jekk l-attur jirrinunzja għat-talba, jew jekk il-kawża tibqa' deżerta, jew jekk it-talba tiġi miċħuda.
>
> (2) Għal dik li hija r-rinunzja jew iċ-ċaħda ta' talba ġudizzjarja, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma jgħoddux fil-każijiet li l-attur jista', skont il-liġi, jerġa' jġib ' il quddiem it-talba, basta li din it-talba terġa' tinġieb ' il quddiem fl-istess qorti jew f'oħra fi żmien xahar minn dak in-nhar tar-rinunzja jew taċ-ċaħda, u l-konvenut jiġi nnotifikat bil-mod u fiż-żmien imsemmijin fiż-żewġ artikoli ta' qabel dan, skont ma jkun il-każ."

Din il-Qorti tqis li dan l-artikolu mhux applikabbli għal każ odjern u dan għas-segwenti raġunijiet:

a. Andrew Debono ma kienx attur fil-proċedura bin-numru 1154/2007 iżda kien konvenut;
b. Għal kull buon fini jingħad ukoll li s-soċjetà attriċi ma kinitx parti fil-proċeduri preċedenti;

[18] Ara a tergo ta' paġna 11 tal-proċess nru 1154/07

c. Ġaladarba dawk il-proċeduri ma kinux ġew mibdija mill-attur Debono, l-ebda talba tiegħu ma ġiet miċħuda;
d. Mingħajr preġudizzju għar-raġunijiet t'hawn fuq, il-fundament ġuridiku taż-żewġ talbiet huwa distint - filwaqt li l-kawża Paul Caruana vs. Marco Grech et hija azzjoni msejsa fuq l-Artikolu 1372 tal-Kodiċi Ċivili, l-azzjoni in eżami tirrigwarda danni naxxenti minn reat kriminali.[19]

Għaldaqstant din il-Qorti tikkonkludi li l-preskrizzjoni indikata fl-Artikolu 2132 ma hiex applikabbli għal każ odjern u qed tiġi respinta..

Anke l-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2153 ma hiex applikabbli stante li dan l-artikolu jipprovdi dwar il-preskrizzjoni applikabbli għall-azzjoni għad-danni mhux ikkaġunati b'reat.

In vista tal-konsiderazzjoni kollha hawn magħmula din il-Qorti tgħaddi sabiex tiċħad it-tieni, it-tielet u r-raba' eċċezzjoni tal-konvenut Tonna.

Ikkunsidrat;

**Danni**.

Hekk miċħuda l-eċċezzjonijiet preliminari kollha, din il-Qorti sejra tikkunsidra l-mertu tal-azzjoni għad-danni.

Mill-provi jirriżulta sodisfaċentement illi l-konvenut kien konsapevoli fil-mument tal-ftehim illi kien qed ibiegħ lill-attur vettura misruqa. L-Assistent Kummissarju Stephen Mallia fix-xhieda tiegħu mogħtija f'dawn il-proċeduri spjega li hekk kif Paul Caruana mar għandhom bil-vettura tiegħu minħabba li n-numru tax-*chassis* ma kienx qiegħed jaqbel man-numru ta' reġistrazzjoni, skattew l-investigazzjonijiet in konnessjoni ma indaġni dwar serq u bdil ta' pjanċi. Minn din l-investigazzjoni irriżulta li Joseph Tonna, flimkien ma' Pierre Peter Carabott, kien involut fi tbagħbis tal-vettura mertu tal-kawża. L-Assistent Kummissarju kompla jispjega li saret

[19] Ara **Emmanuel Vella et vs. Adelina Sacco et** (App Ċiv 442/2208) deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-27 t'Ottubru 2017.

investigazzjoni ulterjuri fil-konfront ta' Andrew Debono però ma rriżultalhomx li dan tal-aħħar kien jaf li l-vettura kienet imbagħbsa tant li l-ebda proċeduri kontra Andrew Debono ma ttieħdu. Il-Pulizija inizjat proċeduri kriminali kontra Joseph Tonna u waqt dawk il-proċeduri Tonna ammetta għall-akkużi. Fil-proċedura odjerna l-konvenut in kontro-eżami kkonferma li kien ammetta l-akkużi fil-konfront tiegħu

Ikkonsidrat;

Issir referenza għall-**Artikolu 532** tal-Kodiċi Ċivili fejn jipprovdi li l-bona fede hija preżunta u allura min jallega l-mala fede għandu jippruvaha. Wieħed għandu jżomm quddiem għajnejh li "dak li l-ligi taghna tirrikjedi biex il-pussess ikun ta' buona fede huwa illi l-possessur ikun ghal motiv mhux verosimili jahseb li l-haga li jipposjiedi hi tieghu (Artikolu 531 tal-Kodici Civili) u dan l-istat ta' mohh fil-pussessur hu prezunt, sakemm min jallega n-nuqqas ta' buona fede jew il-mala fede (Artikolu 532) ma jwaqqax dik il-presunzjoni."[20]

Kif ingħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fl-ismijiet **Avukat Dottor Gavin Gulia nomine vs Sergio Zampa proprio et noe** (App Ċiv 721/1990), deċiża fil-31 ta' Mejju 2000:

> "Mill-banda l-oħra jekk ma tiġix provata mill-attur il-mala fede tal-konvenut, jekk dan ta' l-aħħar ikun akkwista b'titolu oneruż u jekk ikun akkwista mingħand persuna li minn dak li kien jidher seta' kien sid il-ħaġa offerta għall-bejgħ, jew seta' kien persuna mqabbda mis-sid biex tiddisponi minn dik il-ħaġa, il-kompratur ma kellux l-obbligu li jindaga oltre dwar l-identità tal-venditur. Dan naturalment ma jfisserx li l-kompratur seta' jixtri b'għajnejh magħluqa f'kull ċirkostanza. Hu kellu l-obbligu li japprezza sewwa dak li kien jidher. Li jfisser li jekk iċ-ċirkostanzi kienu tali li kellhom normalment iqanqlu dubju fil-bniedem raġjonevoli dwar il-provenjenza ta' l-oġġett li kien qed jiġi lilu offert għall-bejgħ, jew dwar ir-rabta bejn dak l-oġġett u s-sid veru tiegħu, hu kien obbligat li jagħmel l-indaġini kollha neċessarji għaliex altrimenti jkun qed jixtri għar-riskju tiegħu.

[20] **Captan Robert Mizzi et nomine vs. Francesco Debono et nomine**, deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fl-14 ta' Ottubru 1966. Ara wkoll **Georgia Bilocca nomine vs. Roger Lapira** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fl-10 ta' Ġunju 1966 u **Chev. Elia Zammit vs. Antonio Farrugia** , deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fit-23 ta' Marzu 1970.

F'dan il-kuntest jassumu allura rilevanza ċ-ċirkostanzi li ġraw wara li ġie konkluż il-bejgħ, u kif il-konvenut ikkomporta ruħu."

Mill-provi prodotti f'dan il-każ ma ġiex muri li kien hemm lok għalfejn l-attur kellu jkollu xi suspett dwar il-provenjenza tal-vettura Peugeot li l-konvenut kien qiegħed jitrasferilu bħala parti mill-akkordju ta' bejgħ/tpartit ta' vetturi.

Ġaladarba hija l-buona fede li hija preżunta, l-attur jeħtieġlu jipprova l-mala fede da parti tal-konvenut. Irriżulta mingħajr ebda ombra ta' dubju illi l-konvenut kien jaf fil-mument tal-akkordju mal-attur illi kien qed jitrasferilu karrozza misruqa.

Il-ġurisprudenza nostrana tgħallimna li "l-prova li ried jaghmel l-attur ma kellhiex tkun ta' assoluta mala fede izda kien bastanti li jipprova l-assenza fil-konvenut-venditur tal-buona fede".[21] Din l-istess sentenza kompliet tgħid li huwa biżżejjed jiġi demostrat li "l-konvenut ma kienx ignar mill-fatt tal-alterazzjonijiet li kienu saru fil-vettura".

Il-Qorti qed tikkonkludi illi l-atturi irnexxilhom jipprovaw oltre mill-grad li trid il-liġi illi qabel l-akkordju mal-attur il-konvenut kien konxju li l-vettura kienet misruqa, u mhux hekk biss, tali anke kien involut hu fil-falsifikazzjoni ta' dokumenti maħsuba għall-awtorità pubblika kif ukoll waħħal sett pjanċi tar-reġistrazzjoni foloz fuq vettura minn dik li għaliha kien jappartjenu l-istess pjanċi. Mil-lista tal-akkużi elenkata aktar 'l fuq, huwa evidenti wkoll li l-konvenut kien jaf sew li l-vettura hija misruqa tant li kien hu stess li għamel tibdiliet fin-numru ta' l-identifikazzjoni ta' *chassis*. Dawn ir-reati l-konvenut ammettihom quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-31 ta' Mejju 2010. Għaldaqstant din il-Qorti tikkonkludi li l-atturi ġabu prova univoka li ixxejjen il-preżunzjoni tal-buona fede fuq il-konvenut b'dan illi l-konvenut huwa responsabbli għad-danni sofferti mill-atturtant li huwa evidentissimu li l-konvenut aġixxa bl-akbar mala fede. In segwietu għal dan l-aġir il-konvenut għandu jagħmel tajjeb għad-dannu sofert mill-atturi.

[21] **John Calleja vs. Carmelo sive Charles Degiorgio et** (App Ċiv 833/1997/2) deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) deċiża fl-24 ta' Marzu 2004.

**Quantum tad-Danni.**

Irriżulta illi għalkemm il-Qorti Ċivili, Prim'Awla fl-imsemmija sentenza tat-13 t'Ottubru 2017 ordnat lil Andrew Debono jħallas lura lil Paul Caruana s-somma ta' għoxrin elf, disa' mija u sebgħin Ewro (€20,970) bl-imgħaxijiet mis-6 ta' Novembru 2007 sal-pagament effettiv, Paul Caruana u Andrew Debono iffirmaw ftehim fis-7 ta' Marzu 2018 fejn sar qbil li l-ammont globali li għandha titħallas hija dik ta' tmienja u għoxrin elf Ewro (€28,000) u Paul Caruana irrinunzja għal kull bilanċ ieħor jekk jiġu osservati l-modalitajiet ta' pagamenti. In vista ta' dan, din il-Qorti qegħda tillikwida d-danni sofferti mill-attur Andrew Debono b'konsegwenza tar-reat li l-konvenut ikkommetta a detriment tal-istess Andrew Debono fis-somma ta' €28,000.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi,

1. Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-konvenut u konsegwentement tiddikjara illi s-soċjeta' attriċi m'għandiex locus standi fil-kawża odjerna;

2. Tiċħad l-eċċezzjonijiet l-oħra kollha;

3. Tilqa' in parte l-ewwel talba u tiddikjara li l-konvenut huwa unikament responsabbli għad-danni sofferti mill-attur Andrew Debono relattivament dawk konsegwenti għax-xiri u s-sussegwenti bejgħ tal-vettura Peugeot 406, bin-numru ta' reġistrazzjoni BBN537, inkluż dawk emerġenti mis-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla fl-ismijiet ta' *1154/07TA – Paul Caruana vs Marco Grech et,* kif ukoll l-ispejjeż kollha konsegwenti u/jew aċċessorji għall-istess;

4. Tilqa' t-tieni talba u tillikwida d-danni hekk sofferti mill-attur Adrew Debono fis-somma ta' tmienja u għoxrin elf ewro (€28,000);

5. Tilqa' t-tielet talba u tordna lill-konvenut iħallas lill-attur Andrew Debono s-somma hekk likwidata ta' tmienja u għoxrin elf ewro (€28,000).

Bl-imgħax legali millum sad-data tal-effetti pagament.

L-ispejjez jitħallsu in kwantu għall-kwint (1/5) mill-atturi u in kwantu għal erba' kwinti (4/5) mill-konvenut.

**Moqrija**.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**